MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 374/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**
**Vs**
**Elena Nikolova**
**Yordanka Vasileva**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn is-6 u t-12 t'Awissu 2010, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Nhar id-9 t'Awissu 2010 ghall-habta ta' 17:30hrs gewwa Arkadia Shopping Complex, Triq Fortunato Mizzi Rabat Ghaxdex ikkommettew serq ta' flus ta' ammont li jaccedi l-valur ta' €232.94 izda anqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-

detriment ta’ Rodianne Hili detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 19787G u dan bi ksur ta’ Aartikolu 261 (c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Nhar il-11 t’Awissu 2010 ghall-habta ta’ 11:00hrs gewwa l-Belt Valletta kkommettew serq ta’ flus ta’ ammont li jaccedi l-valur ta’ €232.94 izda anqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta’ Joanne Cherrett detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 465068M u Tarcisia Bartolodetentrici tal-karta tal-identita bin-numru 96845M u dan bi ksur ta’ Aartikolu 261 (c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Nhar is-6 t’Awissu 2010 ghall-habta ta’ 13:00hrs gewwa l-Belt Valletta kkommettew serq semplici ta’ flus liema ammont li ma jaccediex il-valur ta’ €232.94 izda huwa aktar minn €23.29 ghad-detriment ta’ Dora Esther Towle ta’ nazzjonalita Brittanika u dan bi ksur ta’ artikolu 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Nhar is-6 t’Awissu 2010 ghall-habta ta’ 13:45hrs gewwa l-Belt Valletta kkommettew serq semplici ta’ flus liema ammont li ma jaccediex il-valur ta’ €232.94 izda huwa aktar minn €23.29 ghad-detriment ta’ Ursula Christa Kohler ta’ nazzjonalita Germaniza u dan bi ksur ta’ artikolu 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Nhar l-10 t’Awissu 2010 ghall-habta ta’ 10:45hrs gewwa l-Belt Valletta kkommettew serq semplici ta’ flus liema ammont li ma jaccediex il-valur ta’ €232.94 izda huwa aktar minn €23.29 ghad-detriment ta’ Janica Pace detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 175793M u dan bi ksur ta’ artikolu 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Nhar it-12 t’Awissu 2010 ghall-habta ta’ 12:45hrs gewwa l-l-Arkadia Shopping Complex Triq Fortunato Mizzi Rabat Ghawdex kkommettew serq semplici ta’ flus liema ammont li ma jaccediex il-valur ta’ €232.94 izda huwa aktar minn €23.29 ghad-detriment ta’ Maria Said detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 9377G u dan bi ksur ta’ artikolu 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Nhar l-10 t'Awissu 2010 bejn l-10:45hrs u 13:30hrs bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom izda ikun aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Janica Pace detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 175793M u dan bi ksur tal-artikolu 41 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Awissu, 2010, li biha, stante ammissjoni u wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(a), 284, 285, 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u kkundannathom ghal terminu ta' prigunerija ta' seba' (7) xhur kull wahda.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom pprezentat fl-24 t'Awwissu, 2010, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellanti hatja w tirriformaha fil-parti fejn ikkundannathom ghal 7 xhur prigunerija w minflok tinfliggi piena aktar idoneja w li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-aggravju tal-appellanti jikkoncerna l-piena.

Illi fil-kaz in ezami, meta l-appellanti gew arrestati u gew eventwalment mitkellma mill-Pulizija huma kkooperaw bis-shih mal-istess Pulizija.
Illi fil-fatt, l-appellanti ammettew illi kkommettew varji serqiet mill-Belt Valletta u anke minn Ghawdex, u dan kif jirrizulta mill-istqarrijiet rilaxxjati volontarjament minnhom stess.

Illi li kieku riedu, l-appellanti setghu ma rrispondew ghall-ebda mistoqsija illi saritilhom mill-Pulizija, izda huma, minflok, ghazlu li jikkooperaw u jghinu lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom.

Illi ghalhekk, m'hemm l-ebda dubju li l-ammissjoni taghhom kienet wahda bikrija, b'dan illi tali ammissjoni ffacilitat ix-xoghol tal-Pulizija w anke ma hlietx inutilment il-hin tal-Qorti.

Illi inoltre, waqt it-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti gie enfasizzat ukoll il-fatt illi l-appellanti kienu f'posizzjoni illi fi zmien ftit granet jirrestitwixxu dak illi huma kienu serqu lill-partijiet lezi.

Illi tali volonta' da parti taghhom turi illi huma kienu soghbiena ta' dak li kienu ghamlu, u li xtaqu li d-diversi partijiet lezi jergghu jigu moghtija dak li minnu kienu gew illegalment deprivati, sabiex b'hekk dawk li sofrew dannu jergghu jigu ri-integrati fl-istat li kienu fih qabel ma sar ir-reat.

Illi inoltre, l-fedina penali tal-appellanti hija wahda ghal kollox netta.

Illi l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti ghalkemm kienet piena illi taqa' sewwa fil-parametri stabbiliti mil-ligi, ma tirrispekkjax ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi dan qed jinghad peress illi fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti ma saret l-ebda riferenza ghall-fatt li kien hemm ammissjoni bikrija da parti tal-appellanti, jew ghall-fatt li dawn ikooperaw bis-shih mal-Pulizija, jew addirittura ghall-fatt li huma xtaqu jirrestitwixxu dak li kienu serqu, liema fatti, kif ser jigi muri iktar l-isfel, huma materjali fid-determinazzjoni tal-piena.

Illi fil-kaz in dizamina, m'hemm l-ebda dubju li l-appellanti ma setghux jammettu fi stadju izjed bikri minn dak li fih huma fil-fatt ammettew, u ghalhekk hemm izjed lok ghal mitigazzjoni tal-piena favur taghha.

Illi bir-rispett kolu lejn l-Ewwel Qorti, ghalhekk l-appellanti jhossu li dik il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz meta ghaddiet biex taghti s-sentenza finali.

Illi dan qed jinghad peress illi fis-sentenza appellata, ma saret l-ebda riferenza ghall-fatt illi l-appellanti kkooperaw fis-shih mal-awtoritajiet u anke rregistraw ammissjoni fl-izjed stadju bikri li fih setghu jaghmlu dan, b'dan illi

effettivament huma ghazlu li jservu ta' xhieda kontra taghhom stess.
Illi ghalkemm meta ssir ammissjoni bikrija da parti tal-imputat mitigazzjoni fil-piena mhix xi haga li ghanda tiskatta awtomatikament, mill-brani citati misluta mill-gurisprudenza nostrana, jidher illi ghal tal-anqas il-Qorti ghandha tpoggi tali ammissjoni fil-keffa tal-mizien meta tigi biex twiezen ic-cirkostanzi sabiex tasal ghall-piena li ghandha tinfliggi.
Illi kjarament dan l-ezercizzju l-Ewwel Qorti m'ghamlitux.
Illi f'dan l-istadju ssir riferenza ghall-art. 28A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk :
*Qorti ma ghandhiex tittratta ma hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-Qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza b'ordni bis-sahha tas-subartikolu (1).*
Illi minn dan johrog car illi meta tigi nflitta piena karcerarja sospiza, l-Qorti ma tkun bl-ebda mod qeghda tillibera lill-hati u lanqas sempliciment tammonih, u dan peress illi dan is-subinciz jghid illi l-Qorti ghandha biss tghaddi sabiex taghti bhala piena sentenza sospiza meta, li kieku ma kienitx tezisti dik il-possibilita', kienet taghti piena karcerarja effettiva.
Illi minn tali Artikolu, johrog car illi sentenza sospiza m'hix xi piena leggera, izda hija wahda ekwiparabbli ghal piena karcerarja effettiva.
Illi wiehed irid ukoll izomm f'mohhu illi meta persuna tigi moghtija sentenza sospiza, tali persuna tibqa' fid-dell ta' tali sentenza ghal tul il-perjodu operattiv kollu, b'dan illi jekk matul tali perjodu dik il-persuna twettaq reat iehor punibbli b'piena karcerarja, s-sentenza li sa dak iz-zmien tkun inzammet sospiza tibda ssehh.
Illi fil-kaz in ezami, tenut kont tal-fatti kollha – u b'mod partikolari tal-fatt illi l-appellanti urew ix-xewqa li jirrestitwixxu dak li kienu serqu – l-appellanti huma tal-umli opinjoni illi l-piena karcerarja nflitta fuqhom setghet tkun wahda sospiza.
Illi fl-umli opinjoni tal-appellanti, sentenza sospiza taghmel ahjar ghall-kaz taghhom u dan peress illi tramite tali sentenza, l-Qorti tkun tista' tordna li l-flus misruqa jkunu jistghu jergghu jinraddu lura lid-derubati entro t-terminu li

jigi minnha stabbilit, u inoltre, tali sentenza tkun tassigura wkoll l-imgieba tajba taghhom matul il-perjodu operattiv tal-istess sentenza, stante illi f'kaz illi jergghu ihabbtu difrejhom mal-ligi, mbaghad zgur li ma jsibux hniena mill-Qorti fl-applikazzjoni tal-ligi fil-konfront taghhom.
Illi b'tali mizuri, l-Qorti kienet tkun qed tolqot zewg ghasafar b'gebla wahda, peress illi minn naha l-wahda kienet tkun qeghda tassigura illi d-derubati jergghu jigu moghtija dak li hu taghhom, u minn naha l-ohra kienet anke tkun qeghda tinfliggi piena idonea fuq l-appellanti.

Rat il-verbal tad-29 ta'Ottubru, 2010 fejn l-Avukat Dr. Shazoo Gaznavi ghadda lill-Ispettur tal-Pulizija s-somma ta' €2680 dovuta mill-appellanti sabiex dan titqassam lill-parti civili.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u tal-Avukat Generali.

Ikkunsidrat :

Illi dan l-appell jirrigwarda l-piena.

Fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti seba' (7) xhur prigunerija wara li huma ammettew ghall-sensiela ta' serqiet mal-wasla taghhom f'Malta mill-Bulgarija.

Id-difiza argumentat illi l-appellanti dejjem assistew lill-Pulizija w ammettew fi stadju bikri tal-proceduri illi kienu hatja w ghalhekk kellhom jibbenefikaw minn nuqqas fil-piena.

Apparti dan, huma offrew mill-bidu li jaghmlu tajjeb lill-parti leza ghas-serq illi wettqu, izda jidher illi dina ma gietx ikkunsidrata mill-Ewwel Qorti.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali filwaqt illi rrileva illi wahda mill-appellanti m'ammettiet xejn mal-Pulizija, l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjonijiet tal-akkuzati u kkundannathom ghall-piena aktar lejn il-minimum.

Fi kwalunkwe kaz l-Ewwel Qorti ma kienitx zbaljata fl-argumenti u fl-ghoti taghha tal-piena w ghalhekk din kellha tigi konfermata.

Ikkunsidrat :

Illi skond il-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri” tal-20 ta’ Jannar, 1995, il-Qorti qalet li “fuq ammissjoni tal-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-Ligi tikkundannah cioe’ ssibu hati ta’ reat.”

F’din il-kawza l-kawteli msemmija fis-sentenza fuq imsemmija ma jirrizultawx u ghalhekk il-Qorti ghamlet sew meta wara l-ammissjoni tal-imputati ghaddiet ghall-kundanna taghhom, pero’ din il-Qorti ma tistax ma tinjorax il-fatt illi llum l-imputati ghamlu tajjeb ghas-serq li wettqu u materjalment ghaddew il-flus sabiex il-partijiet leza jkunu imhallsin ghad-dannu li rrcevew, u dan il-fatt abbinat mal-fedina penali netta tal-appellanti jinklina l-Qorti favur l-istess appellanti biex issir varjazzjoni fis-sentenza appellata.

Ghalhekk tilqa’ dan l-appell, tikkonferma l-ewwel sentenza fil-parti fejn sabet lill-appellanti hatja w tirriformaha in kwantu kkundannathom ghal prigunerija effettiva seba’ (7) xhur kull wiehed u minflok tikkundannhom ghal seba’ (7) xhur prigunerija kull wiehed, liema sentenza m’ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mill-lum huma jikkommettu reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija w dana fil-kuntest tal-artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti spjegat lill-appellanti bi kliem car ir-responsabbilita’ taghhom taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huma jikkommettu matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------